**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Traffiku – Għawdex**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 16 ta' Marzu, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**-vs-**

**Silvio Mallegni, imwieled l-Italja, nhar 16 ta' Jannar, 1969, residenti Opal, Flat 3, Triq il-Kantra, Munxar, Għawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita` nru.228069A**

*Traffiku Nru: 634/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Silvio Mallegni u cioe` talli:

Nhar il-29 ta' Awwissu, 2020, ghal ħabta tad-00.20hrs, waqt li kien fi Triq ix-Xlendi, Munxar, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:-

1. Saq vettura bil-mutur tal-għamla Ducati, bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni LDE801, bi mod traskurat, perikoluż jew bla kont u dan bi ksur tal-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Ducati, l-pjanċa tar-reġistrazzjoni LDE801, mingħajr ma' kien kopert

bil-polza tas-sigurtà dwar ir-riskju tat-terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Ducati bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni LDE801, mingħajr ma' kellu liċenzja tas-sewqan u dan bi ksur tal-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna ħsara fuq vettura tal-għamla Toyota Starlet bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni JBH229 u dan ghad-dannu ta' Svetlana Wallace u dan bi ksur tal-artikolu 328 tal-Kap 9;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi saq mutur tal-għamla Ducati bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni LDE801 b'veloċità eċċessiva u dan ai termini tal-artikolu 127 tal-Kap.65.11.

Il-prosekuzzjoni titlob li l-imputat jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu l-ebda liċenzja tas-sewqan ghall-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru wieħed (1) sa erbgħa (4) miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet numru wieħed (1) sa erbgħa (4) miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru wieħed (1) sa erbgħa (4) miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1) sa erbgħa(4) miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Il-ħames (5) imputazzjoni hija estinta minħabba l-preskrizzjoni trimestrali. Dan jirriżulta mill-fatt li l-imputazzjonijiet inħarġu nhar il-25 t'Ottubru, 2021, meta r-reati addebitati lill-imputat jirrisalu għal Awissu 2020. Mir-referta esibita ma jifdal ebda dubju dwar il-fatt li l-imputat ġie notifikat ferm wara li ddekorriet il-preskrizzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tan-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali netta tiegħu kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn kien propju l-imputat li sofra l-konsegwenzi tas-sewqan perikoluż tiegħu. Ittieħed kont tal-fatt li hemm il-konkors formali bejn l-imputazzjonijiet numru 1 u numru 3.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-ħames imputazzjoni bħala preskritta u konsegwentement estinta, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31 u 328 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar it-Traffiku, u l-artikolu 3(1)(a)(2) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah ghal **multa ta' tlett elef u mitt ewro (€3,100)** liema multa għandha titħallas ratejalment bid-dekadenza.

A tenur tal-artikolu 3(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar millum.

Finalment bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€2,305.35c** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

In vista tal-multa imposta, kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għal kwalunkwe proċeduri li jidrilha opportuni.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**